**23 ta' Diċembru**

**Tifkira ta'**

S. ĠWANN DE KETY, SAĊERDOT

Twieled fir-raħal ta' Kety, djoċesi ta' Krakow, fl-1390; ordna saċerdot, u għadda ħafna snin igħallem fl-universita' ta' Krakow; imbagħad sar kappillan tal-parroċċa ta' Ilkusi. Kien bniedem ta' fidi safja, li għallimha b'reqqa kbira, u kien imżejjen bil-virtujiet, l-aktar bit-tjieba u l-imħabba lejn għajru, hekk li sar l-eżempju ta' sħabu u tad-dixxipli tiegħu. Miet fl-1473.

Mill-Komun tal-qaddisin irġiel; għal dawk li għamlu opri tal-ħniena...

Talba

Agħtina o Alla li tista' kollox, li fuq l-eżempju tas-saċerdot San Ġwann de Kety nimxu 'l quddiem fil-għerf tal-qaddisin, u nuru ħniena ma' kulħadd, biex niksbu l-maħfra tiegħek. B'Ibnek.